**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 77/97

Anthony Camilleri

vs

Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u Chairman Planning Authority u Ministru Responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici li gie kjamat fil-kawza b' digriet tal-5 ta' Mejju 1998 u b' digriet tat-8 ta' Gunju 1998 gie korrett ghal Ministru tal-Ambjent

Illum 28 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi wara d-9 ta' Mejju 1987, il-PAPB minghajr ebda raguni valida rrevokalu permess tal-bini li kien gie approvat lilu fuq Plot numru 56 fil-limit ta' Haz-Zabbar formanti parti mit-territorju maghruf Ta' Ciantar.

L-imsemmi permess tal-bini li jgib ir-referenza C1965/86AL kien gie approvat f'April tal-istess sena 1987 tant li rcieva in-notifikazzjoni biex ihallas il-"contribution" dovuta (vide kopja ta' ricevuta).

Immedjatament wara 9 ta' Mejju 1987 il-permess imsemmi kien imhassar arbitrarjament, u l-plot gie dikjarat barra mill-scheme tal-bini li kienet gia ezistenti. Dan lilu kkawzalu danni u rrendielu l-istess bicca art prattikament bla valur.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jiddkjara d-decizjoni arbitrarja mehuda mill-PAPB wara 9 ta' Mejju 1987 bhal nulla u bla effett u li jinghata l-permess relattiv biex ikun jista' jikkostruwixxi l-bini li applika ghalih.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li eccepiet:

Illi primarjament l-imsemmi rikors tas-Sur Camilleri billi l-istess rikors mhux maghmul skond ir-rekwiziti stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' l-Att numru VIII tal-1997. Fir-rikors in kwistjoni r-rikorrenti la

indika x-xhieda li bi hsiebu jtella' u inoltre d-dokument (Dokument A referit fir-rikors tar-rikorrent Camilleri) li hu msemmi fir-rikors ma giex notifikat lill-intimat skond kif jitlob l-Artikolu 7 (3) ta' l-istess Att.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent qed jallega li saret ingustizzja fil-konfront tieghu mill-PAPB u dan skond kif qed jghid l-istess rikorrent "immedjatament wara 9 ta' Mejju 1987 meta skond l-istess, il-permess in kwistjoni kien gie mhassar arbitrarjement. Skond l-Att numru I tal-1992 l-Awtorita` ta' l-Ippjanar mhux is-successur tal-PAPB, hlief ghal dawk il-permessi li hargu mill-P.A.P.B. u kienu in vigore (ghall-perjodu ta' sentejn) meta spicca l-P.A.P.B. bdiet tiffunzjona l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar. Minn dak li qed jissottometti l-istess rikorrent il-kaz in kwistjoni gara ferm ma qabel, cioe` immedjatament wara d-9 ta' Mejju 1987.

Illi jigi sottomess li l-PAPB kienet id-delegat tal-Ministru tal-Infrastruttura u li l-awtorita` mhix is-successur tal-PAPB. F' dan ir-rigward issir riferenza, ghad-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Sammut vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, moghtija fit-12 ta' Dicembru 1996, fejn gie deciz li l-ilmenti kostituzzjonali ma jintlaqghux meta dawn ikunu saru fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar minhabba l-agir tal-PAPB. F' dan il-kaz il-Qorti rriteniet bl-aktar mod car li l-awtorita` mhux is-successur tal-PAPB.

Illi jigi sottomess li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kellha bl-ebda mod x'taqsam mal-fatti allegati mir-rikorrenti fil-perjodu meta msemmi mill-istess rikorrenti u li ghalhekk l-istess Awtorita` ma kkommettiet l-ebda ngustizzja fil-konfront tar-rikorrenti.

Illi skond il-file numru C1965/86 AL li rrifera ghalih ir-rikorrent jirrizulta li kienet saret applikazzjoni ghal permess tal-bini datata 14 ta' Mejju 1986, li ghal liema permess kien hemm rifjut mill-PAPB tramite ittra tas-27 ta' Mejju 1991 u dan ghaliex ix-xogholijiet proposti ma kienux jaqghu taht il-policy kurrenti dwar il-permessi tal-bini kif approvata mill-Parlament fit-12 t'Ottubru 1988 taht l-Att Numru X tal-1988. Mill-files relattivi ma jirrizultax li s-sit in kwistjoni qattx kien kopert minn permess kif qed jghid ir-rikorrent. Mill-fatti jirrizulta li r-rikorrent applika ghall-permess fl-14 ta' Mejju 1986 u sussegwentement hareg rifjut. Fil-konfront ta' l-applikazzjoni in kwistjoni (numru ta' registrazzjoni 1965/86) ma jidhirx li mill-file relattiv kien hemm f'xi hin approvazzjoni biex imbaghad hareg rifjut, kif qed jallega r-rikorrent.

Ghaldaqstant l-Awtorita` intimata talbet li dan it-Tribunal ma jilqax it-talba tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ossia c-Chairman ta' l-istess Awtorita` peress li l-istess ma ghamlet l-ebda ingustizzja u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jaqta' li l-ilment mhux gustifikat u subordinatament ma jirrikmandax li l-istess Awtorita` tohrog il-permess mitlub mir-rikorrenti fil-konfront tal-bini in kwistjoni, li del resto llum ir-rikorrent ghad ghandu disponibbli l-fakolta` li jista japplika ghall-

permess quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar liema permess jista' jinhareg, jekk ikun skond il-plans u policies tal-lum skond l-Att numru I tal-1992.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-Awtorita` intimata.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici li eccepixxa:

1. Illi r-rikors promotur fl-istat li gie notifikat lill-intimat huwa inammissibli billi mhuwiex akkumpanjat minn lista ta' xhieda fit-termini ta' l-Art 7(1)(d) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

2. Illi minghajr pregudizzju, permess mill-PAPB qatt ma nghata lir-rikorrent anzi ntbaghtet korrispondenza biex jgharfuh li l-applikazzjoni ma setghetx tohrog u r-raguni ghaliex (Dok Z1).

3. Illi l-fatt li permess qatt ma nhareg mill-PAPB johrog evidentement mill-fatt li r-rikorrent zgur li kien jipproduci dan il-permess bhala dokument f'dawn il-proceduri.

4. Illi Dok "A" huwa sempliciment ricevuta tal-hlas tal-contribution u mhux il-permess innifsu.

5. Illi l-permess qatt ma nghata a bazi ta' ragunijiet skond il-ligi u mhux a bazi ta' xi decizjoni arbitrarja.

6. Illi l-hlas tal-contribution ma jiddeterminax il-hrug tal-permess u ghalhekk il-fatt li persuna tkun hallset il-contribution ma jfissirx li ser tohorgilha permess bilfors.

7. Illi llum l-intimat irrifonda s-somma ta' Lm119.37 lir-rikorrent, liema somma tirraprezenta l-contribution mhallsa mir-rikorrent (Dok Z2, Z3).

Ghaldaqstant l-intimat talab li t-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra r-risposta tal-Ministru ta' l-Ambjent li eccepixxa:

**1.** Illi l-Ministru ta' l-Ambjent mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili.

**2.** Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess ma jirrizultax li qatt inghata permess lir-rikorrent. Anzi, minn ezami tad-dokumenti relattivi jirrizulta illi fis-27 ta' Mejju 1991, l-applikazzjoni tieghu ta' l-14 ta' Mejju 1986 giet rifjutata billi ma kienetx tikkwalifika taht il-ligi kienet allura vigenti.

**3.** Il-hlas tar-road contribution ma jfissirx li kellu l-permess, anzi fl-istess dokumentazzjoni jidher illi dak huwa biss fattur wiehed fi process twil li jigi determinat fl-ahhar.

**4.** Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fid-19 ta' Settembru, 1997 il-partijiet qablu li ma saret ebda talba ghal xi permess kemm ila tezisti l-Planning Authority.

Ir-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li fl-14 ta' Mejju 1986, kien applika lill-Planning Area Permits Board sabiex jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-Plot Numru 56 Ta' Ciantar, Triq in-Nissieg, Zabbar liema applikazzjoni nghatat ir-riferenza C1965/86AL. F'April 1987 l-applikazzjoni tieghu kienet giet approvata u skond il-procedura ta' dak iz-zmien, qabel seta' johrog il-permess ufficjalment kien mitlub inhallas id-Drainage/Alignment/Road Contribution, skond kont mahrug mill-Works Department fit-23 t'April 1987 (Ara Dok AC1 u AC2). Fit-30 t'April 1987 hallas Lm119.37 dovuti skond l-istess kont u nhargitlu ricevuta numru G735312 li ggib l-istess data.

Wara l-elezzjoni tad-9 ta' Mejju 1987 sar jaf illi l-permess imsemmi kien gie mhassar minkejja li qabel kien diga approvat u kien gie mitlub ihallas il-kontribuzzjonijiet dovuti. L-ittra minghand is-Segretarju tal-PAPB fejn gie infurmat ufficjalment illi

l-applikazzjoni tieghu ghall-permess tal-bini kienet giet rifjutata, kienet datata 27 ta' Mejju 1991 (Dok Z1 esibit mill-intimata Awtorita' ta' l-Ippjanar). Ir-raguni li nghata kienet illi x-xogholijiet proposti ma kienux skond il-policy kurrenti li tirregola l-permessi tal-bini kif approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra fit-12 ta' Ottubru 1988. Permezz ta' ittra mibghuta fl-10 ta' Gunju 1991 (Dokument AC3) lis-Segretarju PAPB oggezzjona ghar-rifjut u talab li d-decizjoni tigi rtirata u l-permess jinhareg. Madankollu baqa' ma nghatax raguni valida, u l-permess baqa' ma harigx. Meta originarment xtara l-plot, xtraha bl-iskop li jibni fuqha u ghaliex kien jaf li f'dik l-area kien hemm permessi ghall-bini u ma kienx hemm problema biex jinhareg il-permess necessarju ghall-bini fuq il-plot tieghu.

F'Jannar 1997 ircieva ittra minghand il-Cash Office tal-Works Division Floriana (datata 28 ta' Jannar 1997) - Dokument AC4. Il-Perit tieghu Dr. Edwin Mintoff kiteb lid-Dipartiment u infurmahom illi hu ma riedx rifuzjoni ghaliex din setghet tippregudika d-drittijiet tieghu wara l-ingustizzja li kien sofra wara li kien thassar permess li kien gie approvat ghaxar snin qabel. Madankollu d-Dipartiment xorta wahda baghatlu cheque ta' Lm119.37. Ic-cheque ma sarrfux u rritornah lid-Dipartiment.

Ir-rikorrent in kontro ezami semma li permess tal-Planning Authority qatt ma rcieva u anqas tal-P.A.P.B.

Gie ezibit affidavit ta' Mary Carmen Camilleri mart ir-rikorrent li kkonfermat li zewgha kien applika ghal permess lill-Planning Area

Permits Board sabiex jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-Plot numru 56 Ta' Ciantar, Triq in-Nissieg, Zabbar.

In kontro-ezami semmiet li l-applikazzjoni kien ghamilhielhom il-perit Randolph Bartoli.

Xehed Jospeh Felice li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Awtorita` tal-Ippjanar u semma li r-rikorrent Semma li r-rikorrent kien applika fl-14 ta` Mejju 1986 PAPB 1965/1896 u skond minuta tal-file tas-26 ta` Marzu 1987 kien hemm li "refused as site does not qualify as a BDA site." Dik kienet minute 7. "It does not qualify in terms of BDA Act 1983." Fl-24 ta` April 1987 kien hemm li "refusal is still indicated." Kien hemm ittra tal-perit Bartoli tat-18 ta` Jannar 1988 fejn qal "my client has paid the drainage contribution, will you see to the permit being issued" pero' kien hemm ittra lura tal-PAPB tal-5 ta` Jannar 1989 fejn fost kliem iehor qalet "that site is not located within area proposed to be incorporated as a planning scheme."

Mill-file jirrizulta li l-permess qatt ma hareg. Jirrizulta li fit-23 ta` April 1987 kienet intbaghatet ittra mir-revenue section mill-Works Division tal-Public Works fejn ir-rikorrent kien mitlub ihallas is-somma ta` LM119.37 dejjem bhala contribution tad-drainage u tar-road. Fil-fatt din giet imhallasa fit-30 ta` April 1987.

Il-procedura qabel kienet li fi zmien il-P.A.P.B. kien ikun hemm zewg files, wiehed l-Alignment File u l-iehor il-P.A.P.B. File, u f` dan il-kaz hekk kien hemm ukoll, zewg files. Dwar il-procedura

ta` dak iz-zmien semma li l-procedura kienet li l-ewwel kienu jipprocessawhom fil-bord u mbaghad jintbaghatu l-contribution section fejn tinhadem, jintbaghat il-kont u mbaghad wara jithallas u wara li jithallas jiccekkjaw li kollox sew u jkun hemm il-clearance. Wara li jkun hemm din il-clearance ikun jista` johrog il-permess.

Specifika li meta tintbaghat ghall-hlas fil-fatt il-bord ma jkollux x` jaqsam aktar fis-sens li kull ma jkun fadal huwa l-clearance biex jigu vverifikati l-files. Ic-chairman tal-bord jaghmel il-vetting u jiccekkja l-pjanti kollha. Dan ifisser li l-P.A.P.B., il-bord, kien ikun ivverifika kollox diga` meta tintbaghat ghall-hlas. Dan ifisser li jkun accetta li jsir l-izvilupp.

Il-formola esibita a fol 25 hija standard form, Form F li kienet tintbaghat dejjem. Dan dejjem jekk ikun hemm l-intenzjoni li ha johrog il-permess ghax jekk ikun ha jigi refused naturalment din ma tintbaghatx.

<u>Paul Scicluna</u> spjega li l-procedura uzata fejn jikkoncernaw il-files tal-Gvern hija li kemm il-minuti u kemm ir-reds jimxu bin-numerar sussegwentement, inevitabbli jekk hux minuta jew jekk hux red. Jigifieri jekk l-ewwel minuta hija 1 u mbaghad iddahhlet red, ir-red tigi number 2. Jekk wara jkun hemm minuta tigi number 3, jekk ikun hemm minuta tigi red number 4 u jimxu f` sekwenza irrelattivament jekk hux minuta jew jekk hix red. Iirrefera ghall-minuta numru 18 u ghall-ahhar linja taghha l-ittri “fna” ifissru f` dan il-kaz “for necessary action”.

Il-Perit Randolph Bartoli xehed li f'Mejju tal-1986 kien ghamel applikazzjoni lill-PAPB f` isem Anthony Camilleri biex jibni zewg maisonettes fuq plot 56, Zabbar. Dak iz-zmien il-plot kienet taqa` fl-iskema tal-bini ghal terraced houses. Ma irceva xejn minghand il-PAPB pero` kien kellmu l-klijent u kien qallu li kien hallas il-contributions tat-triq u drenagg, pero` l-permess kien ghadu ma rceviehx. Fit-18 ta` Jannar 1988 kiteb lill-PAPB fejn qallhom li l-klijent kien hallas il-contributions imma permess ma kienx hareg u qalilhom biex jibghatulu l-permess mill-aktar fis possibbli. Baqa ma irceva xejn mill-PAPB hlief fis-27 ta` Mejju 1991 fejn kienu hargu refusal bazata fuq il-building permits temporary provisions. It-temporary provisions kienu ssostitwew dak li kien hemm qabel fl-1986. Risposta li ma nharigx permess ghandu fis-27 ta` Mejju 1991.

Joseph Farrugia li jahdem mal-Planning Authority bhala Enforcement Officer 2 u ghandi r-rapprezentanza taghha xehed li fis-27 ta' Mejju 1991 hareg refusal fuq plot 56 ta' Ciantar, Triq in-Niset Zabbar. Din kienet definittiva fis-sens li ma kienx hemm appelli. Kien hemm minuta tas-26 ta' Marzu 1987 li kienet tghid "refused as site does not qualify in terms BDA Act tal-1983".

Irreferixxa a fol 25 tal-process Dokument "AC1" u semma li din hija ittra li tintbaghat kull darba li jintbaghat il-kont. Ir-refusal kien hareg mill-P.A.P.B. u mhux mill-Planning Authority. Ir-refund kien hareg fit-30 ta' Gunju 1987. L-ittra ntbaghatet mid-Director General Works u ffirmata minn F. C. Pace. Fit-2 ta' Lulju 1989 hemm minuta li titkellem fuq ir-revised boundaries u li "site

falls out of revised boundaries". Il-minuta saret mid-D.C., Development Control tal-Public Works. Baghatu building Inspectors biex jaraw jekk l-adjacent sites humiex mibnija jew le. Il-building inspector mar u sab li l-adjacent sites ma kienux mibnija. Saret minuta biex johrog ir-refusal bid-data tal-11 ta' Awissu 1989 u gie mibghut fis-27 ta' Mejju 1991. Rega' dahal bord f' Lulju tal-1990 u l-bord rega' kkonkluda li s-site taqa' barra mill-boundaries imbaghad fil-fatt hareg ir-refusal.

**KONKLUZZJONIJIET:**

***Kif graw il-fatti:***

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent applika ghall-permess ghall-bini fl-14 ta' Mejju, 1986 u fis-26 ta` Marzu 1987 kien hemm li "refused as site does not qualify as a BDA site." - BDA Act 1983. Fl-24 ta` April 1987 kien hemm li "refusal is still indicated." Fit-23 ta` April 1987 kienet intbaghatet ittra mir-revenue section mill-Works Division tal-Public Works fejn ir-rikorrent kien mitlub ihallas is-somma ta` LM119.37 dejjem bhala contribution tad-drainage u tar-road. Fil-fatt din giet imhallsa fit-30 ta` April 1987. Minn ezami tad-dokumenti AC1 u AC2 fol 25 u 26 tal-process jirrizulta fuq il-formola F dan il-kliem: "Reference is made to your application to the Planning Area Permits Board… Before clearance is given to the board to process further your application, you are requested to pay the amount shown on the attached bill, which is due as drainage and/or alignment and/or road contributions…" Fuq id-dokument AC2 formola E hemm miktub: "Board number 30/87". Kien hemm ittra tal-perit Bartoli tat-18 ta' Jannar 1988 fejn qal "my client has paid the drainage contribution, will you see

to the permit being issued" pero` kien hemm ittra lura tal-PAPB tal-5 ta` Jannar 1989 fejn fost kliem iehor qalet "that site is not located within area proposed to be incorporated as a planning scheme." Il-permess qatt ma hareg. Il-procedura ta` dak iz-zmien kienet li l-ewwel kienu jipprocessawhom fil-bord u mbaghad jintbaghatu l-contribution section fejn tinhadem, jintbaghat il-kont u mbaghad wara jithallas u wara li jithallas jiccekkjaw li kollox sew u jkun hemm il-clearance. Wara li jkun hemm din il-clearance ikun jista` johrog il-permess. Meta tintbaghat it-talba ghall-hlas fil-fatt il-bord ma jkollux x` jaqsam aktar fis-sens li kull ma jkun fadal huwa l-clearance biex jigu vverifikati l-files. Dan ifisser li l-P.A.P.B., il-bord, kien ikun ivverifika kollox diga` meta tintbaghat ghall-hlas. Dan ifisser li jkun accetta li jsir l-izvilupp. Izda l-permess fil-fatt qatt ma hareg u fil-minuta bid-data tas-26 ta' Marzu 1987 kien hemm li l-applikazzjoni ghandha tigi rifjutata.

Ir-refusal kien hareg mill-P.A.P.B. u mhux mill-Planning Authority. Ir-refund kien hareg fit-30 ta' Gunju 1987. Fit-2 ta' Lulju 1989 hemm minuta li titkellem fuq ir-revised boundaries u li "site falls out of revised boundaries". Il-minuta saret mid-D.C., Development Control tal-Public Works.

Relevanti hu wkoll li r-refusal taghmel referenza ghall-ischemes tat-12 ta' Ottubru 1988 u li ghalhekk il-propjeta` in kwistjoni ma kenitx gewwa area inkluza fl-iskemi. Meta hadet over il-Planning Authority l-policies tal-ippjanar ma kienux jawtorizzaw permessi tal-bini fl-area koncernata.

***Eccezzjoni fuq l-Artikolu 7 (3) tal-Att VIII tal-1997:***

L-imsemmi Artikolu jipprovdi li r-rikors flimkien mal-elenku ghandhom jigu prezentati fir-registru tat-Tribunal u l-Artikolu 7 (2) isemmi li r-rikors ghandu jkun fih dikjarazzjoni dwar il-fatti u ghandu jkun imsieheb b' elenku tax-xhieda flimkien mal-indirizz taghhom u xi prova trid issir b' kull xhud. Illi dan it-Tribunal diversi drabi interpreta din is-sezzjoni fis-sens li r-rikorrent u l-intimat jistghu jixhdu dejjem u fil-kaz tal-intimat dejjem accetta lill-kap tal-Human Resources tas-socjeta` intimata izda li xhieda ohra, sakemm mhux specifikament indikati, jew sakemm ma jkunx il-kaz li jigu milqugha wara l-kors taht il-provvedimenti tal-Kap 12, ma jigux mizjuda izda fil-fehma tat-Tribunal in-nuqqas ta' indikazzjoni ta' xhieda ma jwassalx ghan-nullita` tar-rikors izda biss ghal- limitazzjoni li l-partijiet ma jistghux jipproducu xhieda ohra ghajr dawk indikati u ghalhekk jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar.

***L-eccezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar li hi mhux is-successur tal-P.A.P.B.:***

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza minnu stess fit-12 ta' Dicembru 2000 fl-ismijiet Emanuel Mallia et vs Awtorita` tal-Ippjanar (rikors 2/97) fejn intqal:

Illi ghalhekk biex it-Tribunal jasal fuq jekk hux gustifikata l-eccezzjoni preliminari tal-intimati bilfors ikollu jezamina jekk l-Awtorita' tal-Ippjanar hix is-successur tal-P.A.P.B. b' mod li tkun responsabbli hi ghall-agir tal-P.A.P.B. li fil-fehema tar-rikorrenti kienet tammonta ghal ingustizzja. Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Caruana

Demajo) fl-14 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet Annunziato Mifsud vs Direttur tat-Toroq et intqal li:

"il-Bord ghall-permessi dwar area ta' Pjan Regolatur kien twaqqaf bl-Avviz Legali 10/1962, li kien inhareg that l-Artikolu 19 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Dan l-Artikolu, li thassar bl-Artikolu 63 tal-Att 1 tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Att 1 tal-1992) kien jaghti lill-President (dak iz-zmien il-Gvernatur) ta' Malta is-setgha li jaghmel regolamenti inter alia:

(c) biex jaghtu s-setgha lill-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici (dak iz-zmien is-Segretarju Principali) li jiddelega, lil dak l-Ufficjal, Korp jew Awtorita` u b' dak il-mod u sa fejn jista' jkun preskritt mir-regolamenti, kull wahda mis-setghat moghtija lilu…

Bl-Avviz Legali 10 tal-1962 is-Segretarju Principali nghata s-setgha li jiddelega s-setghat tieghu "lill-Korp maghruf bhala il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur".

Il-Bord ghalhekk huwa d-delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, u huwa dan il-Ministru li jwiegeb ghal dak li jaghmel il-Bord.

L-Awtorita` tal-Ippjanar twaqqfet bl-Artikolu 3 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp; hija korp awtonomu u

mhux delegat ta' xi awtorita` ohra. Ghalkemm huwa minnu li hadet xi setghat li qabel kienu tal-P.A.P.B., dawn is-setghat hadithom mhux ghax kompliet il-personalita` ta' dak il-Bord izda bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ad hoc.

Il-konkluzjoni ghalhek bil-fors tkun li jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur il-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, li tieghu il-Bord kien delegat, u mhux l-Awtorita` tal-Ippjanar."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Valenzia) (Rikors Kostituzzjonali) deciza fit-12 ta' Dicembru 1996 fl-ismijiet "John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar" il-Qorti qalet:

"L-Att 1 tal-1992 jaghmel eccezzjoni ghal dan fis-sens li l-Artikolu 62 tal-Att jinghad li permess moghti mill-P.A.P.B. u li ghadu fis-sehh hekk kif jigi fis-sehh l-Att 1 tal-1992, jigi meqjus li jibqa' operativ ghall-perjodu u taht il-kundizzjonijiet li ghalih ikun hareg u tul dan iz-zmien jitqies li hu permess moghti mill-Awtorita`…

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt l-intimat mhux is-successur tal-P.A.P.B. u l-eccezzjoni msemmija ma tapplikax fil-kaz in ezami billi l-permess tal-14 ta' Awissu

1992 kien gie revokat.  L-azzjoni tar-rikorrent ma kellhiex tigi proposta kontra l-intimat."

Illi dan it-Tribunal wara li ezamina l-Att dwar l-Awtorita' tal-Ippjanar ma jhossx li ghandu xi jbiddel mill-insenjament moghti f'dawn il-kawzi.

Illi dak li sofrew ir-rikorrenti ma kienx rizultat tal-agir tal-Awtorita` tal-Ippjanar.  Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-ecezzjoni preliminari tal-Awtorita` tal-Ippjanar u jehles lill-Awtorita` mill-harsien tal-gudizzju."

Illi dan it-Tribunal m' ghandu xejn xi jzid dwar l-aspett tal-Awtorita` bhala l-fatt li mhux successur tal-P.A.P.B.; izda jibqa' dejjem il-fatt li fejn ikun possibbli, jekk jigi misjub mit-Tribunal jew mill-Qrati li kien hemm xi nuqqasijiet tal-P.A.P.B., biex dawn jigu enforzati necessarjament jirrikjedu li l-implimentazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal jew tal-Qorti tkun bil-fors tinnecessita` li johrog il-permess tal-Planning Authority ghax hija din l-entita` li llum il-gurnata hi responsabbli minn dan l-aspett.  Fir-rikors in ezami ir-rikorrent mhux qieghed isostni li kienet il-Planning Authority responsabbli ghall-ingustizzja minnu lamentata izda li r-rimedju ma jistax jiehdu minghajr ma l-Awtorita` tal-Ippjanar timplimenta l-ordni ta' Tribunal jew xi Qorti u dan fis-sens li kull ordni ta' din in-natura ma tistax tigi aktar ezegwita mill-P.A.P.B. liema awtorita` llum spiccat izda mill-Awtorita` tal-Ippjanar li fil-prezent dahlet biex taqdi l-istess drittijiet u doveri kif ukoll li thaddem l-istess poteri li kienu jezistu taht l-Awtorita` tal-P.A.P.B.

Ghalhekk huwa immaterjali li jekk tirrizulta l-ingustizzja ilmentata saritx fil-fatt mill-Awtorita` jew xi korp iehor u immaterjali hu wkoll il-fatt li l-Awtorita` anqas biss kienet tezisti meta giet kommessa l-allegata ingustizzja. Jekk ikun possibbli taht il-ligijiet prezenti jinkombi fuq l-Awtorita` tal-Ippjanar li tohrog il-permess ghall-bini relattiv u minhabba f' hekk l-Awtorita` ghandi locus standi f' din il-kawza ghax jekk l-allegazzjoni ta' ingustizzja tigi pruvata mir-rikorrent u t-Tribunal isibha gustifikata, u jekk il-ligijiet tal-pajjiz jippermettu, allura f' dan il-kaz ikun jinkombi propju fuq l-Awtorita` tal-Ippjanar biex tezegwixxi dik l-ordni. Jekk l-Awtorita` tibqa' barra mill-proceduri jkun impossibbli li l-ordni tat-Tribunal jigi implimentat. Ghalhekk jichad din it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar.

***L-eccezzjoni tal-Awtorita` li r-rikorrent ghandu l-fakulta` li japplika llum quddiemha ghall-permess:***

B' din l-eccezzjoni l-Awtorita` qieghedha tipprova tisvesti lit-Tribunal mill-obbligi u d-drittijiet ta' gurisdizzjoni li ghandu. Il-fatt li r-rikorrent jista' japplika llum il-gurnata m' ghandu x' jaqsam xejn mal-mertu tal-kaz in kwistjoni. Jekk ir-rikorrent kellu d-drittijiet li qieghed jitlob fir-rikors dan m' ghandu ebda obbligu li jirrinunzja ghalihom u ghalhekk l-eccezzjoni msemmija hija totalment irrilevanti ghall-kaz in ezami ghax il-punt kardinali hu jekk saritx ingustizzja mar-rikorrent u x' rimedji hemm disponibbli izda mhux x' toroq alternattivi jezistu fil-konfront tar-rikorrent. Ghalhekk jichad ukoll din l-eccezzjoni.

***L-eccezzjoni tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici bazata fuq l-Artikolu 181 (B) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:***

L-imsemmi artikolu jipprovdi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Fil-kaz in ezami kien il-P.A.P.B. li kien responsbabli u ghalhekk tal-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici. Kif issemma aktar 'il fuq u kif intqal fil-kawza Annunnzjato Mifsud vs Direttur tat-Toroq il-Bord kien id-delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, u huwa dan il-Ministru li jwiegeb ghal dak li jaghmel il-Bord. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni dwar il-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici ghax jekk ikun hemm danni ghall-ingustizzja dawn iridu jigu sopportati minnu. Ghal dawn il-motivi jichad din l-eccezzjoni dwar il-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici.

Minn naha l-ohra peress li din ir-responsabbilta` hija specifikament allokata ma hux applikabbli l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 u d-Direttur tax-Xogholijiet mhux il-legittimu kontradittur. Lanqas ma hu l-legittimu kontradittur il-Ministru ghall-Ambjent.

***Il-mertu tal-kaz:***

L-initmati taw diversi ragunijiet ghaliex l-ilment tar-rikorrent m' ghandux jigi milqugh anqas fil-mertu. Sostnew:

(a) li fil-fatt il-permess qatt ma hareg,

(b) li kien hemm rifjut mill-P.A.P.B. tramite ittra tas-27 ta' Mejju 1991,

(c) li x-xogholijiet proposti ma kienux jaqghu taht il-policy kurrenti dwar il-permessi tal-bini kif approvat mill-parlament fit-12 ta' Ottubru 1988 taht l-Att X tal-1988,

(d) li dak li ntbaghat lir-rikorrent fit-23 ta' April 1997 formoli F u E kienu sempliciment ittra ghall-hlas u ricevuta tal-hlas tal-contribution u mhux il-permess innifsu,

(e) li l-permess qatt ma nghata a bazi ta' ragunijiet skond il-ligi u mhux a bazi ta' xi decizjoni arbitrarja,

(f) li l-hlas tal-contribution ma jiddeterminax il-hrug tal-permess u ghalhekk ma jfissirx li l-hlas ta' Lm119.37 kienet tfisser li ser johrog il-permess,

(g) li fis-26 ta' Marzu 1987 kienet ittiehdet id-decizjoni li "refused as site does not qualify as a BDA site,"

(h) fl-24 ta' April 1987 mill-minuti tal-file tal-P.A.P.B. jirrizulta li "refusal is still indicated."

Minn naha l-ohra rrizulta car quddiem it-Tribunal li:

I. wara applikazzjoni tar-rikorrent fit-23 ta' April 1987 kienet intbaghtet ittra mir-revenue section tal-Works Division tal-Public Works fejn ir-rikorrent intalab ihallas Lm119.37 bhala contribution ghad-drainage u tar-road,

II. li fuq dokument AC2 (formola E) a fol 26 tal-process hemm miktub "board number 30/87" li turi li din intbaghtet wara d-decizjoni tal-bord imsemmija,

III. li fil-fatt ir-rikorrent hallas is-somma msemmija kif jirrizulta minn Dok A a fol 2,

IV. li l-procedura ta’ dak iz-zmien kienet li applikazzjonijiet jigu processati fil-bord u jekk approvati jintbaghatu l-Contribution Section fejn tinhadem is-somma dovuta u jintbaghat il-kont u wara li jithallas u jiccekkjaw kollox tohrog il-clearance,

V. li wara li tohrog il-clearance ikun jista’ johrog il-permess,

VI. li meta tintbaghat it-talba ghall-hlas fil-fatt il-bord ma jkollux x’ jaqsam aktar,

VII. li l-bord tal-P.A.P.B. ikun ivverifika kollox diga` meta jintbaghat il-kont ghall-hlas u ghalhekk ikun accetta li jsir l-izvilupp.

Fid-dawl ta’ dak fuq imsemmi jidher car li l-applikazzjoni tar-rikorrent ghal xi raguni f’ hin minnhom giet approvata u kien sejjer johrog il-permess. Dan irrizulta car mid-depozizzjonijiet moghtija specjalment dwar il-prassi tal-P.A.P.B. ta’ dak iz-zmien riferibbilment ghall-hrug tal-kont u hlas tal-contribution. Gara izda li ghal xi raguni wara l-elezzjoni tal-1987 dan il-permess ma harigx. Ir-rikorrent ma ha ebda passi f’ dak l-istadju u tilef l-opportunita` li permezz possibilment tal-Qorti jgieghel lill-istess P.A.P.B. tezegwixxi dak li kienet obbligata taghmel una volta li hareg il-kont tal-contribution. Saru l-iskemi tal-1988, ma kienx aktar possibbli li johrog il-permess u ghalhekk ir-rikorrent sab ruhu fil-pozizzjoni li rrizultat b’ mod li ma hariglux il-permess u tilef flus kbar. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimati dwar il-mertu.

Illi ghalhekk it-Tribunal isib li r-rikorrent kellu ragun jilmenta li saret ingustizzja fil-konfront tieghu izda minn naha l-ohra zgur li l-Awtorita` tal-Ippjanar ma kellha xejn x' taqsam mal-ingustizzja fil-konfront tieghu ghax l-ingustizzja saret qabel ma l-Awtorita` bdiet tiffunzjona. Bl-istess mod il-Ministru tal-Ambjent m' ghandux responsabbilta` ta' xejn.

Kaz iehor huwa dak tal-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici minhabba li hu kien responsabbli mill-P.A.P.B. Li kieku l-P.A.P.B. ma awtorizzax il-hrug tal-kont tal-contribution u wara xorta ma harigx il-permess, l-ingustizzja ma kenitx issir u ghalhekk responsabbli ghall-ingustizzja huwa propju l-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici.

X' inhu r-rimedju tar-rikorrent f' dan l-istadju? L-ingustizzja ghalhekk saret. Responsabbli ghaliha huwa l-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici. Kien jinkombi fuq l-Awtorita` tal-Ippjanar li tohrog il-permess relattiv li kieku dan kien possibbli izda llum il-gurnata l-art in kwistjoni taqa' barra l-iskemi b' mod li jekk jinhareg il-permess tkun qed tinkiser il-ligi ghax tmur kontra l-policies tal-ippjanar vigenti fil-pajjiz. Ghalhekk it-Tribunal jista' jaghti biss rimedju lir-rikorrent f' wiehed ta' kumpens u marbut kif inhu bis-somma ta' Lm5000 bhala massimu dan hu l-ammont possibbli.

Ghal dawn il-motivi jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-Awtorita` tal-Ippjanar u lill-Ministru tal-Ambjent u Direttur tax-

Xogholijiet Pubblici. Minhabba li jsib li kawza tal-P.A.P.B. li responsabbli ghalih kien il-Ministru responsabbli mill-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici (ara Qorti Kostituzzjonali 30/04/1998 John Sammut vs Awtorita` tal-Ippjanar) r-rikorrent sofra ingustizzja jirrikmanda hlas ta' kumpens lir-rikorrent ta' Lm5000.

Spejjez kontra l-intimat il-Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u x-Xogholijiet Pubblici.